MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 54/2000/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Dr. Mario Stilon de Piro u Professur Ian Refalo bhala Mandatarju, f'isem ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Lea Harding**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 5 t'Ottubru, 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicctejn art fil-limiti tas-Siggiewi, wahda tal-kejl ta' madwar 342 metri kwadri; li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Testaferrata Bonici Estates u ohrajn, mill-Lbic ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Vittore De Alessandro u mix-Xlokk ma' triq pubblika u ohra tal-kejl ta'

madwar 98 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u mix-Xlokk ma' triq pubblika u mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Testaferrata Bonici Estates u ohrajn, huwa ta' erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460) u mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm132) rispettivament kif jidher mir-rapport tal-perit Fred. H. Valentino A.&.C.E. tal-5 t'Ottubru, 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-20 t'Ottubru, 2000, l-intimati fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' ghaxart elef, disa' mija u tnejn u sebghin lira (Lm10,972) ta' l-ewwel bicca art u erba' t'elef, erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm4,480) ghat-tieni bicca art.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicctejn art fuq imsemmijin, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Ra illi l-intimati, debitament notifikati naqsu milli jipprezentaw risposta ghat-talba tar-rikorrent izda fl-20 ta' Ottubru 2000 kienu opponew l-offerta, kif gia intqal fir-rikors promutur, skond l-ittra ufficjali esebita a fol 22 u 23 tal-process;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi fix-xhieda tieghu, Dr. Mario Stilon de Piro ibbaza l-oggezzjoni tieghu skond l-istima tal-perit arkitett minnu inkarigat li kien wasal ghal konkluzzjoni illi l-ewwel bicca

art ghandha valur ta’ Lm10,972 filwaqt illi t-tieni bicca art ghandha valur ta’ Lm4,480 u dan ghaliex, kontra dak li jghid ir-rikorrenti, l-art hija wahda fabrikabbli. (Ara relazzjoni per perit arkitett Renato Laferla a fol 40 sa 43 tal-process).

Illi l-membri teknici assenjati biex jassistu lil dan il-Bord l-Perit AIC G. Vella Baldacchino u l-Perit AIC David Pace wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

L-esponenti ikkundsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta), u partikolarment l-Artikolu 18 u 18A, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta’ ghandha tigi meqjusa bhala art agrikola ghal finijiet tal-ligi. L-esponenti ghaldaqstant jidrilhom li il-valur tal-istess proprjeta’ bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta’ elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2,500) jigifieri hamest elef tmienja mija tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin euro centezmu (E 5,823.43) ghall-ewwel bicca, u ta’ seba mija u sittax-il lira maltin (Lm716) jigifieri elf sitt mija seba u sittin ewro u tlieta u tmenin euro centezmu (E 1,667.83) ghat-tieni bicca.

Illi fl-ittra ufficjali taghhom tal-11 ta’ Novembru 1998, l-intimati kienu talbu kumpens fl-ammont ta’ Lm10,972 ghall-ewwel bicca u ta’ Lm4,480 ghat-tieni bicca izda ai termini tal-Kap 88, f’kaz illi d-decizzjoni tal-periti membri tkun wahda unanima, l-Bord ghandu addotta dik l-istima hekk maghmulha;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li titrasferixxi bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut tal-bicctejn art fil-limiti tas-Siggiewi, li qed ikunu dikjarata bhala artijiet agrikoli, wahda tal-kejl ta’ madwar 342 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral ma’ proprjeta’ ta’ Testaferrata Bonici Estates u ohrajn, mill-Lbic ma’ proprjeta’ tal-werrieta ta’ Vittore De Alessandro u mix-Xlokk ma’ triq pubblika u ohra tal-kejl ta’ madwar 98

metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u mix-Xlokk ma' triq pubblika u mill-Lbic ma' propjeta' ta' Testaferrata Bonici Estates u ohrajn l-ewwel bicca bil-valur ta' hamest elef tmien mija tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin euro centezmu (E 5,823.43) u t-tieni bicca bil-valur ta' elf sitt mija seba u sittin ewro u tlieta u tmenin eurocentezmu (E 1,667.83). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-14 ta' Jannar 2009 fis-1.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------